# Il-Jum Nazzjonali ta' Malta

Bħalissa għaddejja diskussjoni dwar liema għandha tkun dik il-ġurnata ċċelebrata mill-Maltin kollha bhala 'Jum Nazzjonali'. Il-jum nazzjonali ta' Malta għandu jkun iċċelebrat f'Jum ir-Repubblika, it-13 ta' Diċembru u dan għal diversi raġuni, kif ser insemmi. (ARA ISFEL)

Jum ir-Repubblika huwa l-unika jum mill-festi nazzjonali maqbul u mgħoddi b'maġġoranza tad-Deputati miż-żewġ naħat tal-Parlament Malti nhar it-13 ta' Diċembru 1974. Huwa simbolu ta' l-Istat Malta. Jagħti identita' nazzjonali rappreżentata bl-araldika tal-Bandiera Maltija. Tinkludi l-arma ta' Malta li hija simbolu ta' l-identita' Maltija li jiddistingwina bħala Poplu Nazzjon. Din tinkludi l-kliem 'Repubblika ta' Malta' fuq żagarella bajda u ħamra fuq wara li torbot iż-żewġ fergħat, fil-lemin taż-żebbuġa u fuq ix-xellug tal-palma, simboli ta' paċi li Malta tħaddan. (A)

Il-jum li Malta, għall-ewwel darba fl-istorja, ma kellha lil ħadd barrani b'awtorita' fuq il-poplu Malti, li għal sekli sħaħ kien maħkum mill-barrani. Ilna żmien nużaw 'it-Tarka tar-Repubblika' għal dokumenti tal-boll u siġill bl-inċera fuq dokumenti uffiċjali (att. Kap 253). (B)

It-tarka simbolu tar-Repubblika ta' Malta tinstab prominenti fil-bini tal-Parlament fuq (C) is-sedja ta' l-iSpeaker. Tinsab ukoll fis-swali tal-Qrati Maltin fuq is-sedja tal-Ġudikanti (D) u fuq l-entratura prinċipali tal-bini tal-Qorti. (E) Tinstab użata għal skopijiet ta' amministrazzjoni fuq dokumenti uffiċjali mill-President ta' Malta, mill-Prim Ministru, mill-Ministri, mill-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, mid-Dipartimenti tal-Gvern (F) dawn f'kuluri differenti f'ras id-dokumenti, f'letterheads u murija fuq envelops tal-korrispondenza. (G)

Il-midalja 'George Cross' mogħtija lil Maltin kollha bħala rikonoxximent għal qlubija u dedikazzjoni matul it-Tieni Gwerra Dinjija hija nkluża fuq it-tarka tar-Repubblika ta' Malta. (A)

Sew f'Jum l-Indipendenza kif ukoll f'Jum il-Ħelsien, il-bandiera Maltija li hija nkluża fl-araldika tar-Repubblika ġiet esebita u mtella' tperper.

It-tarka, simbolu tar-Repubblika, hija nkluża fuq il-bandiera personali tal-President ta' Malta. Din ġiet stabbilita bi proklama tat-12 ta' Diċembru 1988. (H)

L-ITTRA F'ĊIRKU AĦMAR MAL-ĠENB - JINDIKA DOKUMENT MEHMUŻ

Midalja ta' mertu bħala rikonoxximent pubbliku liċ-ċittadini ta' ħila u mpenn mogħtija mill-President tar-Repubblika ta' Malta f'Jum ir-Repubblika', imwaqqfa' fl-1975 bħala 'Ġieħ ir-Repubblika', tinkludi it-tarka tar-Repubblika ta' Malta. L-istess tarka tar-Repubblika ta' Malta nkluża wkoll fil-Midalja tal-Mertu kif ukoll f'dik ta' Xirka Ġieħ ir-Repubblika. (J)

It-tarka, simbolu tar-Repubblika ta' Malta tinsab prominenti fis-sala tat-tron tal-Gran Kunsill tal-Palazz tal-President ta' Malta. Jum ir-Repubblika huwa l-uniku jum minn fost il-festi nazzjonali eżistenti li huwa rappreżentat fil-persuna tal-President tar-Repubblika li huwa elett mill-maġġoranza tar-Rappreżentanti fil-Parlament Malti u għalhekk dan huwa stat ta' fatt. (K)

Kienet l-unika okkażjoni meta 'Malta Repubblika' li biex l-istat ta' fatt jibqa' ikkommemorat, ġiet minted munita deċimali ta' 25 ċenteżmi bil-kliem 'Repubblika ta' Malta' u użata fiċ-ċirkulazzjoni minn kulħadd. Kif ukoll fuq diversi muniti tad-deheb kommemorattivi (ara 'Currency in Malta', Bank Ċentrali ta' Malta, Exhibition, April 1988) fosthom fis-sena 1989 – 25 sena anniversarju mill-indipendenza, fis-sena 1993 – 430 years in defense of Christian Europe u fis-sena 1995 – l-aħħar set deċimali ta' 7 muniti li kollha juru il-Coat of Arms of the 'Republic of Malta'. Dan kien l-aħħar set komplet ta' muniti deċimali qabel l-introduzzjoni tal-minuta Ewro.

Filfatt it-tarka "Repubblika ta' Malta" tinstab ukoll fuq il-munita Ewro 10 ċenteżmi, (L) Ewro 20 ċenteżmu u Ewro 50 ċenteżmu. Dawn ġew inklużi b'konsultazzjoni pubblika li turi l-fehma sħiħa u l-popolarita' fost il-poplu għall-identita' Maltija. Ta' min isemmi wkoll li tlett bolol maħruġa mill-posta ta' Malta' f'Marzu 1975 b'denominazzjoni deċimali ta' 1 ċenteżmi 3, tal-5 ċenteżmi kif ukoll tal-25 ċenteżmu għandhom il-logo "Malta Repubblika" sabiex jikkommemoraw it-twelid tar-Repubblika ta' Malta'. (M)

Wieħed irid igħid li filwaqt li l-festi nazzjonali, 'Sette Guigno', 'Jum il-Vitorja', 'Jum l-Indipendenza' u 'Jum il-Helsien' jikkommemoraw jum importanti fl-istorja ta' Malta u stabbilit ta' l-imgħoddi, ma' dawn nistgħu nżidu u għandhom jiġu ċċelebrati t-2 ta' Settembru, meta fis-sena 1798 il-Maltin qamu f'rewwixta u l-imblokk kontra l-ħakma franċiża ta' Napuljun Bonaparte sabiex jiksbu l-ħelsien, ukoll il-15 ta' Awissu li jikkommemora fl-1942 l-għoti tal-'George Cross' lill-poplu qalbieni Malti kollu u fl-aħħar il-jum li jikkommemora n-nawfraġju ta' San Pawl u sħabu fuq il-gżira ta' Malta, avveniment uniku deskritt fil-Bibbja fl-Atti ta' l-Appostli li jagħżilna bħala poplu uniku.

Jissemma' Jum l-Indipendenza tal-21 ta' Settembru 1964. Iżda din hija l-aħħar "fdal" ta' kostituzzjoni kolonjali (mhux magħmula mill-Maltin) li l-Gran Brittanja dejjem kienet lesta tagħti lil Malta skond il-ħtieġa mperjali, u dawn ingħataw dejjem hekk matul il-ħakma kolonjali Ngliża, sew fis-snin 1835, 1849, 1887, 1903, 1921, 1936, 1939, 1947, 1961, 1964. Sas-sena 1971 Malta mhux biss kienet titmexxa b'kostituzzjoni kolonjali tal-1964 li kienet tagħmilha possibli li tinżamm fuq Malta l-bażi militari Brittanika, inkluż ukoll għadd ta' 'reserved matters' iżda kienet ukoll headquarters ta' l-Allied Forces Mediterranean (NATO) bla ebda rappreżentanza Maltija. Bil-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza 1964 Malta qatt ma setgħet tapplika sabiex issir membru ta' l-Unjoni Ewropeja bħala stat sovran u b'lingwa distinta tiegħu. Dan seta' isir biss bil-Kostituzzjoni ta' 'Malta Repubblika' ta' l-1974.

Dan li għadna kif għidna ġarrabnieħ wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta Malta kienet imċaħħda mill-għajnuna tal-'Marshall Aid' mill-Istati Uniti ta' l-Amerika bl-iskuża peress li Malta kienet għadha kolonja tal-Gvern Brittaniku.

Il-Kostituzzjoni ta' 'Malta Repubblika' ta' l-1974 hija l-unika Kostituzzjoni magħmula mill-Maltin biss għal Maltin li tiggarantixxi li pajjiżna Malta ikun newtrali. Il-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru, il-Ministri u l-Membri Parlamentari jieħdu l-ġurament ta' fedelta' lejn ir-'Repubblika ta' Malta' u "hekk Alla igħinhom".

Fl-1974, f''Jum ir-Repubblika', l-Maltin għamlu dik li tissejjaħ rivoluzzjoni għax ħaddnu l-prinċipji tas-sovranita' popolari. Hija l-quċċata ta' l-evoluzzjoni ta' l-identita' u tan-nazzjonalita' Maltija. Għalhekk il-loġika għandha tirbaħ f'dan il-kuntest. Kien hemm qbil sħiħ fost ir-rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament li ħoloq għaqda sinjifikanti fost il-poplu kollu ta' Malta u Ghawdex li waslu jikkommemoraw dan il-jum uniku sew fil-prezent u wkoll fil-futur tul is-snin li għad iridu jiġu. L-emendi kostituzzjonali li għadhom eżistenti, mgħoddija b'maġġoranza kbira mill-Parlament Malti fit-13 ta' Dicembru 1974 huma l-aqwa ġieħ li Malta kisbet għall-ewwel darba fil-grajja tagħha. Ejjew inkunu patrijottiċi u nqimu kif xieraq dak li Malta kisbet f'dan il-Jum ta' Ġieħ.

Paul Cilia
ID-49493I(M)

Mr. & Mrs. P. Cilia
Primula 59
Triq Guzeppi Caruana
Tal-Virtu RBT 09 Malta